# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 36**

**Rikors numru 267/24/1 MS**

**Paul Philippe Al-României**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2024 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

1. Permezz ta' rikors preżentat fit-30 ta' Mejju 2024, flimkien ma' kawża Kostituzzjonali, l-attur talab lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla sabiex:

> *"..... tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Mejju 2024 mogħtija fil-konfront tal-esponent sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna r-rilaxx tal-esponent mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan taħt dawk il-provvedimenti u ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni".*

2. Dik li l-attur irrefera għaliha bħala sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mhijiex sentenza iżda digriet li bih il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur biex jingħata l-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-appell. Fid-digriet l-Ewwel Qorti qalet hekk:

> *"Considering the circumstances of the case, and particularly, that firstly applicant is wanted by the Romanian authorities following a conviction by the High Court of Cassation and Justice of the Curtea de Apel Brasov, Romania and that notwithstanding the first Court's decision, the said decision is not final and definitive pending the Attorney General's appeal application, and secondly, that applicant, having no ties to these Islands is currently in a position to provide a residential address only until 2nd June 2024, this Court deems that applicant does not offer sufficient guarantees at law to be granted bail.*
>
> *In any case, the proviso to Article 15(3) of Chapter 276 of the Laws of Malta, rendered applicable in this case by means of Regulation 27 of Subsidiary Legislation 276.05, clearly states that "Provided that notwithstanding any order discharging him from custody such person shall remain in custody until the expiration of three working days from any such order and, where an appeal has been entered by the Attorney General, until the appeal is disposed of or abandoned, or the Attorney General consents to the release of such person"*.

3. B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' Ġunju 2024 ċaħdet it-talba wara li rraġunat:

> *"6. Illi minn dan kollu titnissel il-konsiderazzjoni li talba għall-ħruġ ta' ordni provviżorju għandha tkun diretta għall-ksib ta' rimedju sabiex jiġu preservati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u mhux għall-ksib ta' rimedju li minnu nnifsu jkun jikkostitwixxi r-rimedju finali li r-rikorrenti jridu jiksbu jekk tassew juru li seħħ ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom. Kif osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni* ***Repubblika vs. L-Avukat tal-Istat*** *(24/11/2022): «L-għan wara miżura proviżorja m'għandux ikun li jagħti rimedju finali qabel ma jkunu tressqu l-provi kollha u l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża. F'dak l-istadju l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur, ikunux qegħdin jiġu miksura, jew x'aktarx ser jiġu miksura jeddijiet fundamentali. It-talba għall-ħruġ ta' ordni proviżorja m'għandha lanqas isservi sabiex Qorti tagħti xi fehma dwar il-meritu tal-kawża li jkollha quddiemha. Li wieħed jippretendi li Qorti tippronunzja ruħha b'xi mod dwar il-meritu f'dan l-istadju bikri tal-kawża kostituzzjonali, hu żbaljat».*

> *7. Issa r-rikors li dwaru qed jingħata dan id-dikriet sar b'rabta ma' proċeduri kostituzzjonali li qed jiġu deċiżi llum stess, u li permezz tagħhom din il-Qorti sabet li r-rikorrenti m'huwa qed iġarrab ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk m'hemmx lok li jingħataw rimedji provviżorji.*
>
> *8. F'kull każ, ir-rimedju provviżorju mitlub mir-rikorrenti m'huwiex attendibbli, għaliex irid li din il-Qorti tużurpa l-mansjonijiet u d-diskrezzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u tkun hi li tiddeċiedi jekk ir-rikorrenti għandux jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. Jekk tassew l-ilment tar-rikorrenti – u ċjoè li l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni jeskludi b'mod assolut il-possibilità ta' ħelsien mill-arrest bi pleġġ – kien fondat, ir-rimedju finali li jista' jingħata b'sentenza minn din il-Qorti kien ikun li dik id-dispożizzjoni, la hija inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea, ma tistax tiġi applikata fil-konfront tiegħu; bil-konsegwenza allura li t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. M'għandux ikun li rimedju provviżorju jkun aqwa mir-rimedju finali li jista' jingħata fis-sentenza f'każ ta' eżitu pożittiv għar-rikorrenti".*

4. Imbagħad fis-6 ta' Ġunju 2024 l-attur appella mid-digriet li tat l-Ewwel Qorti u talab lil din il-Qorti sabiex tħassar id-digriet u tissospendi l-effetti *".... tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Mejju 2024 mogħtija fil-konfront tal-appellant sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi"*, u biex tordna r-rilaxx tiegħu bl-aggravji jkunu li:

i. l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza li jeżistu l-elementi kollha li jmorru lil hinn minn sempliċement wieħed *prima facie* għaliex l-Artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) jimponu stat ta' arrest mandatorju fil-konfront tal-attur u dan iwassal biex qiegħed jiġi mċaħħad mid-dritt fundamentali tiegħu għal-liberta personali.

ii. l-Ewwel Qorti naqset milli tqis il-garanziji kollha li lest li jagħti l-attur biex jingħata l-ħelsien mill-arrest.

iii. minħabba l-eta' ta' 76 sena u l-istat ta' saħħa tiegħu, id-detenzjoni tiegħu qiegħda tikkawżalu ħsara u danni irrimedjabbli.

iv. in-nuqqas ta' proporzjonalità tad-detenzjoni arbitrarja peress li d-drittijiet tiegħu qegħdin jiġu miċħuda minn dakinhar li tressaq b'arrest fid-29 ta' April 2024 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

5. Fis-17 ta' Ġunju 2024 il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad it-talba.

6. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-każ m'għadux pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-fatt fl-10 ta' Ġunju 2024 dik il-Qorti tat is-sentenza li biha irrevokat is-sentenza li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tat fl-20 ta' Mejju 2024 u bagħtet l-atti lura quddiem dik il-Qorti *".... to decide the case afresh, placing the requested person in the position he was in, immediately prior to the said decision"*. Għalhekk issa l-każ reġa' qiegħed quddiem dik il-Qorti (il-Qorti rimandanti), li in forza tal-Art. 15(1) tal-Kap. 276 għandha s-setgħa li *"teħles mill-arrest bi pleġġ"*. Milli fehmet il-Qorti waqt it-trattazzjoni, diġà saret talba lil dik il-Qorti.

F'dan l-istadju hi dik il-Qorti li għandha tistħarreġ u tiddetermina jekk l-attur huwiex f'pożizzjoni li jagħti l-garanziji li hemm bżonn sabiex jiġi żgurat li ma jaħrabx. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jipprovdi l-Artikolu 12 tal-Framework Decision 2002/584 tat-13 ta' Ġunju 2002:

> *"When a person is arrested on the basis of a European arrest warrant, the executing judicial authority shall take a decision on whether the requested person should remain in detention, in accordance with the law of the executing Member State.* ***The person may be released provisionally at any time in conformity with the domestic law of the executing Member State, provided that the competent authority of the said Member State takes all the measures it deems necessary to prevent the person absconding****"*.

7. Dik il-Qorti għandha tqis *inter alia* garanziji li jista' joffri l-attur jekk jingħata l-ħelsien mill-arrest fil-pendenza tal-proċedura, u jekk l-età u l-istat ta' saħħa tal-attur humiex ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-għoti ta' ħelsien proviżorju taħt garanziji u miżuri biex jiġi żgurat li ma jaħrabx. Dan flimkien ma' ċirkostanzi oħra bħal pereżempju kemm ilhom pendenti l-proċeduri.

8. Wieħed irid jiftakar li fil-kawża Kostituzzjonali li l-attur fetaħ kontestwalment mar-rikors għall-għoti ta' miżura proviżorja, l-ilment tal-attur hu li Artikoli 15(3) u Art. 17 tal Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276) jiksru l-jeddijiet fundamentali garantiti taħt Art. 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ilment bażat fuq il-fatt li l-Att dwar l-Estradizzjoni ma jagħtix l-opportunità lill-persuna li titlob għall-ħelsien

mill-arrest fil-pendenza tal-proċedura ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-partijiet jaqblu li l-proviso ta' Artikolu 15(3) ma jippermettix li dik il-Qorti tordna l-ħelsien mill-arrest tal-persuna waqt il-proċeduri ta' appell. L-Ewwel Qorti ma qablitx ma' dik il-fehma. Ovvjament f'dan l-istadju jkun għalkollox prematur li din il-Qorti tesprimi ruħha fuq hekk. L-istess jingħad b'referenza għall-ilment tal-attur li mid-29 ta' April 2024, data tal-arrest tal-attur, id-drittijiet tiegħu qegħdin jiġu miċħuda.

9. Il-Qorti tosserva wkoll kif:

i. hu evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma straħitx biss fuq l-Art. 15(3) tal-Kap. 276 meta ċaħdet it-talba għall-ħelsien proviżorju mill-arrest tal-attur. Għamlet ukoll konsiderazzjonijiet dwar jekk fil-fehma tagħha l-attur kienx f'pożizzjoni li jagħti garanziji suffiċjenti, u kkonkludiet li *".... applicant does not offer suffient guarantees at law to be granted bail"*;

ii. f'kull każ id-digriet li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Mejju 2024, li bih ċaħdet it-talba tal-attur għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest, żġur li m'għadx hemm lok għas-sospensjoni tiegħu ġaladarba l-proċeduri tal-appell spiċċaw bis-sentenza li ngħatat fl-10 ta' Ġunju, 2024 u l-każ reġa' qiegħed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Kumpilazzjoni.

**Deċiżjoni**.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm